Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 13,756, 8 ta' Awissu, 1980

Taqsima B

A.L. 66 ta' l-1980

ATT TA' L-1970 DWAR IL-FORZI ARMATI
(ATT NRU. XXVII TA' L-1970)

Ordni ta' l-1980 dwar il-Forzi Armati ta' Malta (Għoti ta' Setgħat)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 4 ta' l-Att ta' l-1970 dwar il-Forzi Armati ta' Malta, u tas-setgħat l-oħra li għandu, il-President ta' Malta għamel l-ordni li ġej:—

Titolu.

1. Dan l-ordni jista' jissejjaħ l-Ordni ta' l-1980 dwar il-Forzi Armati ta' Malta (Għoti ta' Setgħat).

Għoti ta' setgħat lill-membri tal-Forzi Armati ta' Malta.

2. Fil-qadi ta' dmirijiet ta' *patrol*, gwardja jew sigurtà jew ta' dmirijiet li għandhom x'jaqsmu ma' reati kriminali, mogħtija lilu mill-Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta, sew jekk dawk id-dmirijiet isiru fuq l-art, fuq il-baħar jew fl-ajru, membru tal-Forzi Armati ta' Malta jkollu s-setgħa li jeżerċita dawk il-funzjonijiet, setgħat u dmirijiet kollha li bil-liġi huma vestiti f'uffiċjal tad-Dwana jew f'membru tal-Korp tal-Pulizija ta' Malta:

Iżda dawk il-funzjonijet, setgħat u dmirijiet li bil-liġi huma riżervati għal uffiċjali li jkollhom il-grad mhux taħt dak ta' Spettur tal-Pulizija jkunu eżerċitabbli biss minn membru li jkollu kummissjoni fil-Forzi Armati ta' Malta.